MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Numru. 163/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Glen Charles Bonnici**

**Illum 15 ta' Frar 2012**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Glen Charles Bonnici** ta' 26 sena, bin Joseph u Mary Grace *nee'* Zammit, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Novembru, 1985 u residenti 13, Clair De Lune, Triq Dun Alwig Camilleri, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 551685(M);

Talli nhar l-14 ta' Frar 2012, ghall-habta tad-9:00 ta' filghodu, minn gewwa it-triq bl-isem Vjal il-Hamsa u Ghoxrin ta' Novembru Zejtun, ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza ghat-termini tal-artikoli 276 u 276A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema valur ma jaccediex il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Amabile Carabott;

Talli kkommetta reat ta' natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza datata it-12 ta' Mejju 2011, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma' Glen Charles Bonnici bhala li huwa ricediv ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-akkuzat;

Rat l-artikoli 49, 50, 276, 276(a) u 289 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 22 tal-Kap 446;

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Tifhem ic-cirkostanzi ta' l-akkuzat li ghandu problema tad-droga izda thoss li reat fuq persuna ta' 75 sena ma jistax jghaddi minghajr ma jkun punnibli;

Il-Qorti rat ukoll li l-akkuzat diga kellu sentenza sospiza ghar-reat simili ta' serq moghtija fit-12 ta' Mejju 2011;

Il-Qorti ghalhekk filwaqt li qed issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu qeghda tirrendi ezegwibbli s-sentenza mghotija fit-12 ta' Mejju 2011 mill-Qorti Magistrati (Malta), Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D u tikkundanha lill-akkuzat piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar skond tali sentenza.

Il-Qorti wkoll invista tal-problema tad-drogi li jidher li ghandu l-akkuzat, tordna lid-Direttur Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-akkuzat jattendi ghall-programm mahsub sabiex johrog mill-vizzju tad-droga.

Ghal-dan il-ghan il-Qorti qeghda tobbliga lill-istess Direttur Facilita Korretiva ta’ Kordin sabiex jaghmel minn kollox biex l-akkuzat jibda’ tali programm minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------